2025/753

25.7.2025

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/753

**tas-16 ta' April 2025**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kontenut, il-metodoloġiji u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata volontarjament minn emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà fil-mudelli għad-divulgazzjonijiet perjodiċi ta' wara l-ħruġ**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà jistgħu jagħżlu li jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2023/2631 bl-użu tal-mudelli komuni. Ma hemm l-ebda obbligu biex jiżvelaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2023/2631 bl-użu ta' dawn il-mudelli komuni. Madankollu, jekk l-emittenti jagħżlu li jużaw dawn il-mudelli, jenħtieġ li jsegwuhom. L-emittenti li jużaw il-mudelli jibqgħu liberi li jiżvelaw informazzjoni addizzjonali.

(2) L-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/2631 jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika linji gwida li jistabbilixxu mudelli għad-divulgazzjonijiet volontarji ta' qabel il-ħruġ għall-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà. L-iżgurar tal-konsistenza bejn il-mudelli ppubblikati f'dawn il-linji gwida u tal-komparabbiltà tagħhom, u l-mudelli li l-emittenti ta' dawn il-bonds jenħtieġ li jużaw meta jiddivulgaw b'mod volontarju informazzjoni ta' wara l-ħruġ, se jiffaċilitaw l-użu tal-informazzjoni li tinsab f'dawn il-mudelli mill-investituri u b'hekk tiżdied it-trasparenza.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-divulgazzjonijiet li l-emittenti jridu jippubblikaw għall-Bonds Ekoloġiċi Ewropej, il-mudelli għad-divulgazzjonijiet volontarji ta' informazzjoni ta' wara l-ħruġ għall-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà jibnu fuq it-taqsimiet rilevanti tal-mudelli għad-divulgazzjonijiet ta' wara l-ħruġ skont l-Istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi.

(4) L-għoti ta' ċarezza għall-emittenti dwar l-użu ta' mudelli ta' divulgazzjoni ta' wara l-ħruġ se jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' dawn il-mudelli, u b'hekk jgħin biex it-trasparenza u l-istandardizzazzjoni fis-suq għall-bonds sostenibbli jitjiebu. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu speċifikati aktar l-aspetti marbuta mal-użu ta' dawn il-mudelli. Dan jikkonċerna l-frekwenza li biha l-emittenti jenħtieġ li jippubblikaw id-divulgazzjonijiet perjodiċi ta' wara l-ħruġ, filwaqt li jitqies jekk l-emittent jiksibx rieżami estern tad-divulgazzjonijiet.

(5) Sabiex tiġi pprovduta aktar ċarezza għall-emittenti, huwa meħtieġ li tiġi speċifikata l-lingwa li għandha tintuża għad-divulgazzjonijiet volontarji, kif ukoll il-mezzi ta' pubblikazzjoni u għal kemm żmien l-informazzjoni żvelata jenħtieġ li tibqa' disponibbli.

(6) Sabiex jiġu protetti l-investituri, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat kif l-emittenti jenħtieġ li jipproċedu jekk ikollhom bżonn jikkoreġu d-divulgazzjonijiet tagħhom.

([1]) ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj.

(7) L-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2023/2631 jippermetti li l-awtoritajiet kompetenti jirrikjedu li l-emittenti li jużaw il-mudelli għad-divulgazzjoni volontarja ta' informazzjoni ta' wara l-ħruġ jinkludu l-elementi elenkati fl-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament f'dawn il-mudelli. Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-emittenti li jużaw dawn il-mudelli u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti u biex jiġu ffaċilitati n-notifiki tal-pubblikazzjoni tad-divulgazzjonijiet volontarji, dawn tal-aħħar jenħtieġ li joħolqu punt ta' kuntatt,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Mudelli għal divulgazzjonijiet volontarji ta' wara l-ħruġ għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew bonds marbuta mas-sostenibbiltà**

L-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà li jagħżlu li jużaw il-mudelli volontarji komuni msemmija fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2023/2631 għandhom jużaw il-mudelli stabbiliti fl-Anness. Formola waħda tista' tkun relatata ma' aktar minn ħarġa waħda ta' bonds.

*Artikolu 2*

**Il-frekwenza tad-divulgazzjoni**

1. L-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli li jagħżlu li jiddivulgaw volontarjament l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2023/2631 għandhom jagħmlu dan għal kull perjodu ta' 12-il xahar sad-data tal-allokazzjoni sħiħa tar-rikavati minn dawn il-bonds. L-emittenti ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà li jagħżlu li jiddivulgaw din l-informazzjoni b'mod volontarju għandhom jagħmlu dan għal kull perjodu ta' 12-il xahar sal-aħħar osservazzjoni dwar il-miri ta' sostenibbiltà.

2. L-ewwel perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jibda fid-data tal-ħruġ tal-bonds ikkonċernati.

3. L-emittenti ta' bonds kkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà jistgħu jistabbilixxu d-data tat-tmiem tal-ewwel perjodu ta' rapportar bħala l-aħħar jum tas-sena kalendarja jew tas-sena finanzjarja tal-ħruġ.

4. L-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà li jiksbu rieżami estern tad-divulgazzjonijiet perjodiċi ta' wara l-ħruġ tagħhom għandhom jiddivulgaw din l-informazzjoni ta' wara l-ħruġ fi żmien 270 jum mit-tmiem ta' kull perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1.

5. L-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà li ma jiksbux rieżami estern tad-divulgazzjonijiet perjodiċi tagħhom ta' wara l-ħruġ għandhom jiddivulgaw din l-informazzjoni ta' wara l-ħruġ fi żmien 150 jum mit-tmiem ta' kull perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 3*

**Pubblikazzjoni fuq is-siti web tal-emittenti**

1. L-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2023/2631 bl-użu ta' mudelli msemmija fl-Artikolu 1 fuq is-sit web tagħhom.

Id-divulgazzjonijiet, inkluż kwalunkwe emenda jew korrezzjoni għalihom, għandhom ikunu disponibbli, mingħajr ħlas, sa mill-inqas 12-il xahar wara l-maturità tal-bonds ikkonċernati.

2. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2023/2631 għandha tiġi ppubblikata, skont l-għażla tal-emittent tal-bonds ikkonċernati, jew f'lingwa li tintuża fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, jew:

(a) meta l-bonds jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għan-negozjar fi Stat Membru wieħed biss, f'lingwa aċċettata mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru;

(b) meta l-bonds jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għan-negozjar f'żewġ Stati Membri jew aktar, b'lingwa aċċettata mill-awtorità kompetenti ta' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, meta prospett għall-bonds ikkonċernati jkun ġie ppubblikat skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2023/2631 għandha tiġi ppubblikata bil-lingwa jew bil-lingwi ta' dak il-prospett.

*Artikolu 4*

**Korrezzjonijiet**

L-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà għandhom, meta l-allokazzjoni tar-rikavati tiġi kkoreġuta wara l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2023/2631, jaġġornaw minnufih dik l-informazzjoni kif xieraq u jippubblikawha mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 5*

**Notifika lill-awtoritajiet kompetenti u mezzi ta' komunikazzjoni**

1. L-emittenti ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà għandhom, b'mezzi elettroniċi u mingħajr dewmien żejjed wara kull pubblikazzjoni, jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar:

(a) il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2023/2631;

(b) il-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe aġġornament imsemmi fl-Artikolu 4;

(c) il-hyperlink għas-sit web ta' fejn din l-informazzjoni ġiet ippubblikata.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħolqu punt ta' kuntatt li jservi bħala riċevitur tan-notifiki kollha magħmula mill-emittent f'konformità mal-paragrafu 1.

*Artikolu 6*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' April 2025.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

([2]) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2017/1129/oj).

*ANNESS*

**MUDELL GĦAD-DIVULGAZZJONIJIET PERJODIĊI TA' WARA L-ĦRUĠ GĦAL BONDS IKKUMMERĊJALIZZATI BĦALA AMBJENTALMENT SOSTENIBBLI**

[Meta d-divulgazzjonijiet perjodiċi ta' wara l-ħruġ jkunu ġew riveduti, it-titolu għandu jirrifletti dan.]

Dan id-dokument u l-kontenut tiegħu mhumiex soġġetti għal xi approvazzjoni jew endorsjar minn kwalunkwe awtorità kompetenti oħra.

1. **Informazzjoni ġenerali**

— [Data tal-ħruġ tal-bond(s) jew tas-segmenti tal-bond(s)]

— [Data tal-pubblikazzjoni tad-divulgazzjonijiet perjodiċi ta' wara l-ħruġ]

— [L-ewwel u l-aħħar data tal-perjodu li d-divulgazzjonijiet annwali ta' wara l-ħruġ jirreferu għalih: [data-data]]

— [L-isem legali tal-emittent]

— [Meta jkun disponibbli, l-identifikatur tal-entità ġuridika (LEI, legal entity identifier) tal-fornitur]

— [L-indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri informazzjoni dwar kif jikkuntattjaw lill-emittent]

— [L-indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'aċċess għad-dokumenti relatati mal-bond (s), jekk ikun hemm, bħal pereżempju oqfsa ta' bonds ekoloġiċi, mudelli volontarji kompluti, rapporti perjodiċi]

— [Meta jkun disponibbli, l-isem tal-bond(s) assenjat(i) mill-emittent]

— [Meta jkunu disponibbli, in-numri internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN, international securities identification numbers) tal-bond(s) u tas-segmenti tiegħu/tagħhom]

— [Meta d-divulgazzjonijiet perjodiċi ta' wara l-ħruġ ikunu ġew soġġetti għal rieżami ta' wara l-ħruġ, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tar-rieżaminatur estern u l-link għar-rieżami ta' wara l-ħruġ rilevanti]

— [Meta jkun applikabbli, l-isem tal-awtorità kompetenti li approvat il-prospett(i) tal-bonds u l-link għall-prospett(i)]

2. **Strateġija ambjentali u motivazzjoni**

*Deskrizzjoni ġenerali*

— [L-objettivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fil-mira tal-bond(s).]

*Link għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-assi, tal-fatturat, ta' CapEx (nefqa kapitali) u tal-OpEx (kostijiet operatorji)*

— [Meta l-emittent ikun soġġett għall-obbligu li jiddivulga informazzjoni skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852, il-mod li bih ir-rikavati mill-bonds jikkontribwixxu għall-fatturat, in-nefqa kapitali u n-nefqa operatorja allinjati mat-tassonomija tal-emittent.]

*Link għall-pjanijiet ta' tranżizzjoni*

— [Meta l-emittent ikun soġġett għall-obbligu li jippubblika l-pjanijiet skont l-Artikolu 19a ([2]), il-punt (a)(iii), jew, meta jkun applikabbli, l-Artikolu 29a(2), il-punt (a)(iii), tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], jew meta l-emittent jippubblika volontarjament dawn il-pjanijiet:

  — il-mod li bih ir-rikavati mill-bonds ikkontribwew għall-finanzjament u l-implimentazzjoni ta' dawk il-pjanijiet; kif ukoll

  — link għas-sit web fejn jiġu ppubblikati dawk il-pjanijiet.]

3. **Allokazzjoni ta' rikavati minn bonds**

[L-informazzjoni elenkata hawn taħt jenħtieġ li tiġi pprovduta mill-inqas fil-livell tal-attività ekonomika, u idealment fil-livell tal-proġett jew tal-grupp ta' proġetti. Il-ftehimiet ta' kunfidenzjalità, il-kunsiderazzjonijiet kompetittivi, jew għadd kbir ta' proġetti kwalifikanti sottostanti u kunsiderazzjonijiet simili jistgħu jiġġustifikaw il-limitazzjoni tal-ammont ta' dettall li jsir disponibbli.]

*Allokazzjoni għal attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija*

— [Jekk l-emittent hux qed jalloka r-rikavati skont approċċ gradwali jew lil portafoll ta' assi, u jekk il-bond(s) huwiex/humiex bond(s) ta' titolizzazzjoni]

— [Il-proporzjon tar-rikavati mill-bonds li ntuża għal attivitajiet li huma ambjentalment sostenibbli skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852, skont il-metodoloġija użata mill-emittent: minn [XX]% tar-rikavati mill-bonds]

— [Meta l-emittent ikun sovran, u r-rikavati mill-bonds ikunu ġew allokati għal ħelsien mit-taxxa, is-sussidji, il-konsum intermedju, it-trasferimenti kurrenti fi ħdan kooperazzjoni governattiva jew internazzjonali jew tipi oħra ta' nefqiet pubbliċi, deskrizzjoni ċara tal-allokazzjoni għall-attivitajiet u l-objettivi ekonomiċi allinjati mat-tassonomija]

| |
|---|
| — [L-emittent għandu jimla t-Tabella A jew it-Tabella B ta' hawn taħt, skont jekk ir-rikavati ħumiex qed jiġu allokati skont approċċ gradwali jew ġewx allokati għal portafoll ta' assi. It-totali korrispondenti għandhom jimtlew ukoll.]<br>*Esklużjonijiet*<br>— [Dikjarazzjoni [iva/le] dwar jekk il-bond jeskludix allokazzjoni tar-rikavati għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818 ([3]), possibbilment issupplimentata b'deskrizzjoni/spjegazzjoni qasira] |
| 4. **L-impatt ambjentali (opzjonali)**<br>— [Meta disponibbli, deskrizzjoni tal-impatti ambjentali tar-rikavati mill-bond(s)]<br>[Informazzjoni ddivulgata hawnhekk tista' tinkludi metriċi speċifiċi bħal Emissjonijiet evitati ta' Gassijiet Serra (GHG, Greenhouse Gas) ($tCO_2e$), il-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli installata (imkejla f'MW), it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija (MWh) u/jew it-tnaqqis tal-intensità tal-enerġija (MWh għal kull unità ta' produzzjoni), it-tnaqqis tal-estrazzjoni tal-ilma ($m^3$) u/jew it-tnaqqis tal-intensità tal-ilma ($m^3$ għal kull unità ta' produzzjoni), it-tnaqqis tal-iskart iġġenerat (tunnellati metriċi) u t-tnaqqis ta' skart perikoluż u mhux perikoluż (tunnellati metriċi), it-tnaqqis taż-żona tal-art affettwata (ħa) jew id-daqs tal-art restawrata (ħa) fir-rigward tal-impatti fuq il-bijodiversità.] |
| 5. **Informazzjoni dwar ir-rapportar**<br>— [Link għas-sit web tal-emittent]<br>— [Meta jkun applikabbli, link għar-rapporti rilevanti tal-emittent, bħar-rapport konsolidat dwar il-ġestjoni jew ir-rapport konsolidat dwar is-sostenibbiltà skont id-Direttiva 2013/34/UE.] |
| 6. **Informazzjoni rilevanti oħra** |

([1]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj).

([2]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818 tas-17 ta' Lulju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards minimi għall-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 406, 3.12.2020, p. 17, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_del/2020/1818/oj).

[Fil-każ ta' bond ta' titolizzazzjoni, ir-referenzi għall-emittent f'dan id-dokument għandhom jiġu interpretati li jirreferu għall-oriġinatur u, meta jkun xieraq, sostitwiti b'referenzi għall-oriġinatur.]

**MUDELL GĦAD-DIVULGAZZJONIJIET PERJODIĊI TA' WARA L-ĦRUĠ GĦAL BONDS MARBUTA MAS-SOSTENIBBILTÀ**

[Meta d-divulgazzjonijiet perjodiċi ta' wara l-ħruġ jkunu ġew riveduti, it-titolu għandu jirrifletti dan.]

Dan id-dokument u l-kontenut tiegħu mhumiex soġġetti għal xi approvazzjoni jew endorsjar minn kwalunkwe awtorità kompetenti oħra.

1. **Informazzjoni ġenerali**

— [Data tal-ħruġ tal-bond(s) jew tas-segmenti tal-bond(s)]

— [Data tal-pubblikazzjoni tad-divulgazzjonijiet perjodiċi ta' wara l-ħruġ]

— [L-ewwel u l-aħħar data tal-perjodu li d-divulgazzjonijiet annwali ta' wara l-ħruġ jirreferu għalih: [data-data]]

— [L-isem legali tal-emittent]

— [Meta jkun disponibbli, l-identifikatur tal-entità ġuridika (LEI, legal entity identifier) tal-fornitur]

— [L-indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif jikkuntattjaw lill-emittent]

— [L-indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'aċċess għad-dokumenti relatati mal-bond(s), jekk ikun hemm, bħal pereżempju oqfsa ta' bonds ekoloġiċi, mudelli volontarji kompluti, rapporti perjodiċi]

— [Meta jkun disponibbli, l-isem tal-bond(s) assenjat mill-emittent]

— [Meta jkunu disponibbli, in-numri internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN, international securities identification numbers) tal-bond(s) u tas-segmenti tiegħu/tagħhom]

— [Meta jkun applikabbli, l-isem tal-awtorità kompetenti li approvat il-prospett(i) tal-bonds u l-link għall-prospett]

— [Meta d-divulgazzjonijiet perjodiċi ta' wara l-ħruġ ikunu ġew soġġetti għal rieżami ta' wara l-ħruġ, l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tar-rieżaminatur estern u l-link għar-rieżami ta' wara l-ħruġ rilevanti]

2. **Strateġija ambjentali u motivazzjoni**

*Karatteristiċi importanti tal-bond*

— [Deskrizzjoni tal-motivazzjoni u l-livell ta' ambizzjoni]

— [Deskrizzjoni tal-materjalità u l-metodoloġija tal-kalkolu tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u l-miri tal-prestazzjoni tas-sostenibbiltà relatati stabbiliti mill-emittent, flimkien ma' informazzjoni aġġornata dwar il-progress li jkun sar apparagun tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni magħżula, inklużi l-linji bażi fejn rilevanti, kif ukoll aġġornamenti relatati mal-miri tal-prestazzjoni tas-sostenibbiltà, u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti għall-analiżi tal-progress marbut mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u mal-miri tal-prestazzjoni tas-sostenibbiltà]

— [Dikjarazzjoni dwar jekk l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni humiex soġġetti għal rieżami estern, awditu ambjentali jew opinjoni sekondarja simili u fejn applikabbli, l-isem tal-entità responsabbli minn dak ir-rieżami jew dik l-opinjoni]

— [Meta rilevanti, il-mod li bih il-bond huwa marbut mal-fatturat, in-nefqa kapitali u n-nefqa operatorja allinjati mat-tassonomija tal-emittent billi jiġi applikat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2178 ([1])]

— [Deskrizzjoni tal-istruttura tal-bonds, inkluż il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-kupun.]

*Deskrizzjoni ġenerali*

— [L-objettivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])fil-mira tal-bond(s)]]

*Link għall-pjanijiet ta' tranżizzjoni*

— [Meta l-emittent ikun soġġett għall-obbligu li jippubblika l-pjanijiet skont l-Artikolu 19a(2), il-punt (a)(iii), jew, meta jkun applikabbli, l-Artikolu 29a(2), il-punt (a)(iii), tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), jew meta l-emittent jippubblika volontarjament dawn il-pjanijiet:

  — il-mod li bih ir-rikavati mill-bonds ikkontribwew għall-finanzjament u l-implimentazzjoni ta' dawk il-pjanijiet; kif ukoll

  — link għas-sit web fejn jiġu ppubblikati dawk il-pjanijiet.]

3. **Informazzjoni dwar ir-rapportar**

— [Link għas-sit web tal-emittent]

— [Meta jkun applikabbli, link għar-rapporti rilevanti tal-emittent, bħar-rapport konsolidat dwar il-ġestjoni jew ir-rapport konsolidat dwar is-sostenibbiltà skont id-Direttiva 2013/34/UE.]

| 4. **Informazzjoni rilevanti oħra** |
|---|
| ([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2178 tas-6 ta' Lulju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kontenut u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni li għandha tiġi żvelata minn impriżi soġġetti għall-Artikoli 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE dwar attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, u li jispeċifika l-metodoloġija biex ikun hemm konformità ma' dan l-obbligu ta' żvelar (ĠU L 443, 10.12.2021, p. 9, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_del/2021/2178/oj).<br>([2]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj).<br>([3]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj). |

**Tabella A, li għandha tiżdied mad-divulgazzjonijiet perjodiċi ta' wara l-ħruġ għal bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli meta r-rikavati jkunu qed jiġu allokati skont approċċ gradwali**

[L-informazzjoni fit-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi pprovduta mill-inqas fil-livell tal-attività ekonomika, u idealment fil-livell tal-proġett jew tal-grupp ta' proġetti. Il-ftehimiet ta' kunfidenzjalità, il-kunsiderazzjonijiet kompetittivi jew l-għadd kbir ta' proġetti kwalifikanti sottostanti u kunsiderazzjonijiet simili jistgħu jiġġustifikaw il-limitazzjoni tal-ammont ta' dettall li jsir disponibbli.]

L-informazzjoni fit-tabella ta' hawn taħt tkopri l-perjodu mill-ħruġ tal-bond ikkonċernat sad-data tar-rapportar.

*Tabella A*

| | |
|---|---|
| 1. | L-isem, il-post u d-deskrizzjoni tal-proġett (jew grupp ta' proġetti jew attività ekonomika) |
| 1.1. | (Għal kull proġett/grupp ta' proġetti/attività ekonomika, kif applikabbli) [Isem] |
| 1.2. | [Post] |
| 1.3. | [Deskrizzjoni bażika] |
| 2. | Ammont ta' rikavati allokati mill-bond(s) |
| 2.1. | [Ir-rikavati mill-bonds allokati għal dan il-proġett/grupp ta' proġetti/attività ekonomika mid-data tal-ħruġ] |
| 2.2. | [Ir-rikavati mill-bonds allokati għal dan il-proġett/grupp ta' proġetti/attività ekonomika fil-perjodu ta' rapportar] |
| 2.3. | Is-sehem tal-proġett li huwa ffinanzjat mill-bond(s) |
| 3. | Is-sehem tar-rikavati totali użati għall-finanzjament (fis-sena tal-ħruġ jew wara s-sena tal-ħruġ) jew għar-rifinanzjament (aktar bikri) |
| 3.1. | [Is-sehem tal-ammont fir-ringiela 2.1 użat għall-finanzjament u r-rifinanzjament] |
| 3.2. | [Is-sehem tal-ammont fir-ringiela 2.2 użat għall-finanzjament u r-rifinanzjament] |
| 4. | Tip u settur ta' attivitajiet ekonomiċi ffinanzjati mill-bond(s) |
| 4.1. | [Għal kull waħda mill-attivitajiet ekonomiċi relatati mal-proġett iffinanzjat mill-bond(s): it-tipi/is-setturi] |
| 4.2. | [Għal kull waħda mill-attivitajiet ekonomiċi relatati mal-proġett iffinanzjat mill-bond(s): fejn applikabbli, il-kodiċijiet NACE rispettivi f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])] |
| 5. | L-ammont ta' rikavati allokati mill-bond(s) li huma allinjati mat-tassonomija |
| 5.1. | [Mir-rikavati totali mill-bonds allokati għall-proġett, l-ammont li huwa allokat għal attività li hija allinjata mat-tassonomija mid-data tal-ħruġ] |
| 5.2. | [Is-sehem perċentwali tal-ammont mogħti fir-ringiela 2.1] |
| 5.3. | [Mir-rikavati mill-bonds allokati għall-proġett fil-perjodu tar-rapportar, l-ammont li huwa allokat għal attività li hija allinjata mat-tassonomija fil-perjodu tar-rapportar] |
| 5.4. | [Is-sehem perċentwali tal-ammont mogħti fir-ringiela 2.2] |
| 6. | Objettivi ambjentali u kriterji ta' skrinjar tekniku |
| 6.1. | [L-objettiv(i) ambjentali fil-mira, kif imsemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])] |
| 6.2. | [Indikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 11(3), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 14(2) jew l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 jintużaw biex jiġu ddeterminati l-kriterji ta' skrinjar tekniku, u d-dati tal-applikazzjoni tagħhom] |

| | |
|---|---|
| 6.3. | [Informazzjoni dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-metriċi tal-impatt ewlenin f'konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), l-Artikolu 11(3), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, u għal kwalunkwe metrika tal-impatt addizzjonali] |
| 7. | In-natura tal-assi u l-infiq ambjentalment sostenibbli |
| 7.1. | [Mill-ammont allokat fil-perjodu ta' rapportar fir-ringiela 5.3, l-ammont tan-nefqa kapitali] |
| 7.2. | [Mill-ammont allokat fil-perjodu ta' rapportar fir-ringiela 5.3, l-ammont tan-nefqa operatorja] |
| 7.3. | [Tal-ammont allokat fil-perjodu ta' rapportar fir-ringiela 5.3, l-ammont tal-assi fissi] |
| 7.4. | [Tal-ammont allokat fil-perjodu ta' rapportar fir-ringiela 5.3, l-ammont tal-assi finanzjarji] |
| 8. | L-ammont ta' rikavati allokati mill-bond(s) li ma humiex allinjati mat-tassonomija |
| 8.1. | [Mir-rikavati totali mill-bonds allokati għall-proġett, l-ammont li huwa allokat għal attività li ma hijiex allinjata mat-tassonomija mid-data tal-ħruġ] |
| 8.2. | [Is-sehem perċentwali tal-ammont mogħti fir-ringiela 2.1] |
| 8.3. | [Mir-rikavati mill-bonds allokati għall-proġett fil-perjodu tar-rapportar, l-ammont li huwa allokat għal attività li ma hijiex allinjata mat-tassonomija fil-perjodu tar-rapportar] |
| 8.4. | [Is-sehem perċentwali tal-ammont mogħti fir-ringiela 2.2] |
| 9. | Informazzjoni rilevanti oħra |
| 9.1. | [Informazzjoni rilevanti oħra, bħall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ambjentali rilevanti, links għal siti web b'informazzjoni rilevanti u links għal dokumenti pubbliċi rilevanti b'informazzjoni aktar dettaljata, bħas-sit web tal-emittent li jiddeskrivi l-proġett jew rapport minn konsulenza ambjentali] |

*Totali:*

| Mill-ħruġ | [perjodu ta' rapportar] |
|---|---|
| Ammont totali ta' rikavati mill-bonds allokati mill-ħruġ: [X]<br>Li minnhom, l-ammont totali ta' rikavati mill-bonds allokati għal attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija minn meta nħarġu: [X] | Ammont totali ta' rikavati mill-bonds allokati fil-perjodu ta' rapportar: [X]<br>Li minnhom, l-ammont totali ta' rikavati mill-bonds allokati għal attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija fil-perjodu ta' rapportar: [X]<br>Li minnhom:<br>— Ammont totali ta' rikavati mill-bonds allokati għan-nefqa kapitali allinjata mat-tassonima fil-perjodu ta' rapportar: [X]<br>— Ammont totali ta' rikavati mill-bonds allokati għan-nefqa operatorja allinjata mat-tassonomija fil-perjodu ta' rapportar: [X]<br>— Ammont totali ta' rikavati mill-bonds allokati għal [nefqiet oħrajn] allinjati mat-tassonomija fil-perjodu ta' rapportar: [X] |

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj).

**Tabella B, li għandha tiżdied mad-divulgazzjonijiet perjodiċi ta' wara l-ħruġ għal bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli meta r-rikavati mill-bonds jkunu allokati għal portafoll ta' assi**

[L-informazzjoni fit-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi pprovduta mill-inqas fil-livell tal-attività ekonomika, u idealment fil-livell tal-proġett jew tal-grupp ta' proġetti. Il-ftehimiet ta' kunfidenzjalità, il-kunsiderazzjonijiet kompetittivi jew l-għadd kbir ta' proġetti kwalifikanti sottostanti u kunsiderazzjonijiet simili jistgħu jiġġustifikaw il-limitazzjoni tal-ammont ta' dettall li jsir disponibbli.]

L-informazzjoni fit-tabella ta' hawn taħt tkopri l-perjodu ta' rapportar.

*Tabella B*

| Bonds pendenti kkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli | Portafoll ta' assi ambjentalment sostenibbli |
|---|---|
| Ħarsa ġenerali tal-bonds pendenti kollha kkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli, li tindika l-valur individwali u kkombinat tagħhom | Ħarsa ġenerali lejn l-assi fuq il-karta tal-bilanċ tal-emittent, li tindika:<br>1. [Isem, post, u deskrizzjoni bażika tal-proġett]<br>2. [Meta jkun disponibbli, indikazzjoni tar-rikavati li huma maħsuba biex jiġu allokati għal dan il-proġett mill-bond]<br>3. [Meta jkun disponibbli, indikazzjoni tas-sehem tal-ammont fil-punt 2 li għandu jintuża għall-finanzjament u r-rifinanzjament]<br>4. [Għal kull waħda mill-attivitajiet ekonomiċi relatati mal-proġett iffinanzjat mill-bond: it-tipi/is-setturi u, fejn applikabbli, il-kodiċijiet NACE rispettivi f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006]<br>5. [Meta jkun disponibbli, l-ammont tar-rikavati għal dak il-proġett iffinanzjat mill-bond li huma allokati għal attività li hija allinjata mat-tassonomija] [sehem perċentwali tal-ammont mogħti fil-punt 2]<br>6. [L-objettiv(i) ambjentali fil-mira, kif imsemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852] [Indikazzjoni ta' liema atti delegati adottati f'konformità mal-Artikolu 10(3), l-Artikolu 11(3), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 14(2) jew l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 jintużaw biex jiġu ddeterminati l-kriterji ta' skrinjar tekniku, u d-dati tal-applikazzjoni tagħhom] [Informazzjoni dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-metriċi tal-impatt ewlenin f'konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(3), 11(3), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, u għal kwalunkwe metrika tal-impatt addizzjonali.]<br>7. [Meta jkun disponibbli, indika l-ammont u/jew l-għadd ta' proġetti ġodda meta mqabbel mal-ammont ta' ħruġ ġdid ta' bond fis-sena kalendarja tal-ħruġ.]<br>8. [Informazzjoni rilevanti oħra, bħall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ambjentali rilevanti, kif ukoll links għal siti web b'informazzjoni rilevanti u links għal dokumenti pubbliċi rilevanti b'informazzjoni aktar dettaljata.] |
| Valur totali tal-portafoll ta' bonds pendenti kkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli: | Valur totali tal-portafoll ta' assi ambjentalment sostenibbli:<br>Valur totali tal-portafoll ta' assi ambjentalment sostenibbli relatati ma' attività allinjata mat-tassonomija: |